# Noti Dwar xi Anniversarji

## *ta' Interess għal Ħaż-Żebbuġ fis-Sena 2002*

**minn Guido Lanfranco**

### 1752 (250 sena ilu)

- Miet il-pittur Żebbuġi Gian Nikol Buhagiar, fil-21 ta' Marzu 1752, fl-età ta' 53 sena, u ġie midfun fil-knisja tal-Karmnu l-Belt Valletta. Hu twieled fis-17 ta' Mejju 1698 f'Ħaż-Żebbuġ. Missieru Pasquale kien ukoll pittur u dekoratur fil-ġebel, u ħuh kien patri. Ftit wara marru joqogħdu l-Belt. Kien kontemporanju a' Francesco Zahra (1710-1773), pittur magħruf ukoll. Fl-1719 Buhagiar iżżewweġ lil Anna li kienet qariba ta' mart Francesco Zahra. Għalkemm kien miżżewweġ kien imlaqqam il-patri. Gian Nikol kellu tliet ulied, żewġt ibniet u tifel li sar qassis. Milli jidher kemm Buhagiar u kemm Zahra kienu influwenzati mill-pittura mlewna ta' l-artis Naplitan Francesco Solimena magħruf ukoll bħala l-*abate*. Għal Ħaż-Żebbuġ Gian Nikol pitter il-Madonna tal-karità fil-kappellun tar-Rużarju, u l-inkwadru li qiegħed fis-sagristija li jfakkar l-okkażjoni tal-25 ta' Marzu 1723, meta waslet f'Ħaż-Żebbuġ ir-relikwa ta' San Filep, li t-translazzjoni u l-festa tagħha saret fl-1724. Din kienet donazzjoni tal-Viċi Re ta' Sqallija, fuq talba tal-Gran Mastru Vilhena. Pitter ukoll l-inkwadru titular ta' l-Għarb, il-Viżitazzjoni ta' Marija. Il-pittura tiegħu u dik ta' Zahra jixtiebħu ħafna fl-istil, u hemm xi kondużjoni dwar inkwadri maħsubin ta' Zahra li iżda jkunu ta' Buhagiar u *vice versa*. Eżempju ta' dan hu l-pittura tal-Madonna tar-Rużarju ta' Sant'Elena Birkirkara li kienet maħsuba li hi xogħol Zahra iżda nstab li hi xogħol Gian Nikol Buhagiar.
- Fl-istess sena 1752 sar l-arloġġ fil-kampnar tan-nofsinhar tal-knisja. Parti kbira minnu ħallasha Dun Paskal Azzopardi.
- Francesco Zahra msemmi aktar kmieni, pitter l-ordinazzjoni ta' San Filep, li s-sena ta' wara rregalah għall-kor tal-knisja.

### 1927 (75 sena ilu)

- Twieled f'Ħaż-Żebbuġ Philip Gatt fit-12 ta' Settembru 1927. Kien tifel fost ħamest aħwa, kompożitur u kunduttur tal-mużika. Missieru Adeodata Gatt kien kompożitur u surmast tal-Banda San Filep bejn 1921 u 1962, waqt li zijuh Mikiel ukoll kien surmast għal xi żmien ta' l-istess banda.
- Philip inħatar surmast tal-Banda San Filep flok missieru fl-1962 u dam f'din il-kariga sa l-1986. Mro. Philip Gatt miet fis-16 ta' Novembru 1995.
- Għalkemm mhux direttament jikkonċernaw lil Ħaż-Żebbuġ ta' min isemmi li f'din is-sena kien hemm avvenimenti li jinteressaw lil kulħadd, fosthom i ma komplietx issir aktar il-proċessjoni nazzjonali ta' San Girgor.



*Mro. Philip Gatt*

- Miet il-Gvernatur Walter Congreve u minfloku sar John Philip du Craine.
- Id-Duka ta' York, li wara sar ir-Re Ġorġ VI, ġie Malta u nnawgura l-ewwel ġebla tat-triq li minn Kastilja tagħti għall-Furjana.
- Inkixef il-monument ta' l-assedju l-kbir quddiemil-qorti.
- Mietu l-Vigarju l-Isqof Angelo Portelli u Ġużè Muscat Azzopardi.
- Saret l-elezzjoni fejn Gerard Strickland sar Prim Ministru.

## 1942 (60 sena ilu)

- F'Ħaż-Żebbuġ, sar l-aħħar **dfin fil-knsija tad-Duluri**.[6] Din il-knisja nbniet fl-1725, u kien benefattur tagħha it-tabib Baldassere Debono. Huwa u l-familja tiegħu baqgħu jiġu midfuna sakemm ħarġet il-liġi li ma jistax isir aktar dfin fiha.[7] Din tad-dfin fil-knejjes mhix sempliċi daqs kemm tidher, għax mhux il-knejjes kollha mxew flimkien f'din l-użanza. Meta ġie Dusina jdur il-knejjes kollha ta' Malta u Għawdex fl-1575, sab diversi kappelli privati jmissu mal-knejjes, li fihom kienu jidfnu l-familji qrib il-knisja kemm jista' jkun. Biż-żmien bdew iniffduhom mal-knisja u bdew jiġu kunsidrati parti mill-knisja stess. Dawk li ma kellhomx oqbra fil-knisja jew fil-kappelli inkorporati magħha, kienu jidfnuhom fiz-zuntier, li wara kollox kien ifisser ċimiterju. Meta bdew ġejjin l-epidemji tal-pesta u tal-kolera, l-awtoritajiet bdew ftit ftit jissuspettaw li l-mard jista' jittieħed mill-oqbra, għalhekk bdew ħerġin regolamenti biex id-dfin isir barra mill-knisja. Kull meta toħroġ xi waħda minn dawn il-liġijiet jew ordnijiet, dejjem kien ikun hemm eċċezzjonijiet u distinzjonijiet bejn l-ibliet, l-irħula, kunventi u l-kumplament. Fl-1882 inqata' d-dfin mill-ibliet, u f'April 1936 inqata' d-dfin mill-irħula,[8] għalkemm xi eċċezzjonijiet baqgħu jkarkru għal aktar żmien.
- Din kienet tibqa' mfakkra bħala l-agħar sena tal-gwerra li f'April biss kienu niżlu 728 tunnellati bombi f'282 attakki mill-ajru. Miet ukoll Ugo Mifsud il-Prim Ministru, Malta ngħatat l-*George Cross* u daħal il-konvoj ta' Santa Marija.

## 1977 (25 sena ilu)

- Minn din is-sena, il-**festa titulari** ta' San Filep bdiet issir fl-ewwel jew fit-tieni Ħadd ta' Ġunju. Dan sar għaliex fl-1976, meta l-festa kienet issir fit-12 ta' Mejju, kienet għamlet ix-xita u tħassret il-festa, u kellha ssir il-Ħadd ta' wara.[9]
- Saret l-**istatwa ta' San Pawl** li hemm fin-niċċa ta' Triq l-Imdina qrib Triq l-Isqof Caruana. L-istatwa li kien hemm qabel (li kienet saret fl-1706) xi ħadd kien seraqha. Din in-niċċa kienu ċaqalquha meta kienet qed titwessa' t-triq. Dawn l-inħawi *Ta' San Pawl* għandhom dik il-leġġenda li tingħad dwar meta kienu qed jieħdu l-ġebel għall-bini tal-katidral, u l-bidwi tal-qrib ma kienx irid jagħti ilma lill-ħaddiema, u miet.[10]

**REFERENZI:**


1 Buhagiar, Mario *The Iconography of the Maltese Islands* 1988, p.214-6
2 Bonnici, Alexander & Grech, Jos. *Il-Kwadri Titulari tal-Parroċċi ta' Malta u Għawdex* 2000, p.17
3 Sciberras, Kieth *The Sunday Times* 21 Jan. 2001
4 Vella, Luret *Storja ta' Ħaż-Żebbuġ* 1986, p.50
5 Schiavone, Michael & Scerri, Louis (Edit.) *Maltese Biographies of The Twentieth Century* 1997 p.309
6 Farrugia, Godfrey *Il-Knisja tad-Duluri…Ħaż-Żebbuġ* 1986 p.21
7 Vella, Luret *op.cit.* p.41
8 Vella, Luret *op.cit.* p.112
9 Attard, Mariella *Ħaż-Żebbuġ u l-Festa ta' San Filep* 1985 p.22
10 Vella, Luret *op.cit.* p.5; Farrugia Randon, S. (Edit.) *St. Paul 2000* p.118